**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 4 ta' Gunju, 2018**

**Talba Nru: 17/2018 PM1**

**360 Food Import Limited (C46590)**

**Vs**

**Daniel Caruana (K.I. 438786(M))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fid-disgha (9) ta' Jannar, 2018 permezz ta' liema s-socjeta` attrici, filwaqt li premettiet illi hija timporta u tbiegh lokalment merkanzija relatata mal-ikel u x-xorb, li l-konvenut jopera hanut bl-isem ta' Chef Plate u ordna minghand l-istess socjeta` attrici merkanzija li giet lilu kkonsenjata u minnu accettata minghajr ebda rizerva dwar il-kwalita` jew il-kwantita` taghha u li l-konvenut qatt ma oggezzjona ghall-invoices mahruga lilu u kwindi jinsab debitur lejn is-socjeta` attrici fis-somma ta' elf, erbgha u ghoxrin euro u disgha u sebghin centezmi (€1024.79) rapprezentanti prezz tal-merkanzija ordnata, ikkonsenjata u accettata mill-istess

konvenut, talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf, erbgha u ghoxrin euro u disgha u sebghin centezmi (€1024.79) liema ammont huwa dovut ghall-merkanzija mibjugha u kkonsenjata lilu; bl-ispejjez kollha u bl-imghax mis-26 ta' Ottubru, 2016 sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Ra l-istatement anness mal-avviz tat-talba fl-ammont mitlub u datat tmintax (18) ta' Dicembru, 2017 referibbli ghal konsenji li sehhhew fuq medda ta' zmien li jmur mit-tmienja (8) ta' Novembru, elfejn u sittax (2016) sas-sitta u ghoxrin (26) t'Ottubru, elfejn u sittax (2016).

Illi l-konvenut gie debitament ingunt in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut f'ismu propju u f'isem is-socjeta` intimata gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tat-30 ta' Mejju, 2018 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra d-dokumenti annessi mal-avviz tat-talba senjatament l-istatement tal-fatturi relattivi ghat-talba odjerna u l-Kapitlu li gie pprezentat mir-rapprezentant legali tas-socjeta` attrici fis-seduta tat-30 ta' Mejju, 2018 u fil-fatt ma deher hadd ghall-intimat sabiex jirrispondi ghalih.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra. Jirrizulta car ukoll li l-merkanzija kienet giet mibjugha mis-socjeta` attrici ghal skopijiet kummercjali.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici is-somma komplessiva ta' elf, erbgha u ghoxrin euro u disgha u sebghin centezmi (€1024.79) rapprezentanti prezz ta' merkanzija ordnata u accettata mill-istess konvenut

bl-ispejjez kollha u drittijiet u bl-imghaxijiet legali sa mis-sitta u ghoxrin (26) t'Ottubru, 2016 sad-data tal-hlas effettiv kontra l-istess konvenut.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**